

Brussell, 7 ta' Awwissu 2015
(OR. en)

11416/15

JAI 610
SCHENGEN 23
FRONT 161
SIRIS 53
COMIX 360

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Awwissu 2015
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal- Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 387 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL- KUNSILL DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PARTI TA' SCHENGEN TAL-FAĊILITÀ TEMPORANJA TAL-FLUSS TAL-FLUS U TA' SCHENGEN (2007-2009) GĦALL-BULGARIJA U R-RUMANIJA

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 387 final.

Mehmuż: COM(2015) 387 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.8.2015
COM(2015) 387 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PARTI TA' SCHENGEN TAL-FAĊILITÀ
TEMPORANJA TAL-FLUSS TAL-FLUS U TA' SCHENGEN (2007-2009) GĦALL-
BULGARIJA U R-RUMANIJA**

{SWD(2015) 157 final}

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PARTI TA' SCHENGEN TAL-FAĊILITÀ
TEMPORANJA TAL-FLUSS TAL-FLUS U TA' SCHENGEN (2007-2009) GĦALL-
BULGARIJA U R-RUMANIJA**

1. INTRODUZZJONI

Il-Faċilità tal-Fluss tal-Flus u ta' Schengen ġiet maħluqa mill-Artikolu 32(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea¹ (minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala l-Att ta' Adeżjoni) bħala strument temporanju biex jgħin lill-Bulgarija u lir-Rumanija biex jiffinanzjaw azzjonijiet finanzjarji fil-fruntieri esterni l-ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni u sabiex jgħin fit-titjib tal-fluss tal-flus fil-baġits nazzjonali.

L-Artikolu 32(3) tal-Att ta' Adeżjoni jistipula li mill-inqas 50% tal-finanzjament ipprovdut mill-istrument kellu jintuża sabiex jagħti appoġġ lill-Bulgarija u lir-Rumanija fl-obbligu tagħhom li jiffinanzjaw azzjonijiet fuq il-fruntieri esterni l-ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni.

L-għan ta' dan ir-rapport huwa

- li jipprovdi informazzjoni fil-qosor dwar l-implimentazzjoni tal-parti ta' Schengen tal-Faċilità temporanja tal-Fluss tal-Flus u ta' Schengen (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Faċilità ta' Schengen II); kif ukoll
- li jippreżenta r-risultati tal-evalwazzjoni *ex post* tal-istrument.

¹ Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea. ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203.

2. DESKRIZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FAĊILITÀ TA' SCHENGEN II

Skont l-Artikolu 32 tal-Att ta' Adeżjoni, il-Kummissjoni ħallset lill-Bulgarija u lir-Rumanija matul il-perjodu 2007-2009, pagamenti f'somma f'daqqa annwali taħt il-Faċilità tal-Fluss tal-Flus u ta' Schengen fi tmax-il parti (għall-ammonti totali, jekk jogħġbok ara t-tabella ta' hawn taħt).

Tabella 1: **Pagamenti u kostijiet eliġibbli tal-Faċilità ta' Schengen II - ħarsa ġenerali**

	Il-Bulgarija	Ir-Rumanija
Il-pagamenti annwali totali tal-Faċilità tal-Fluss tal-Flus u ta' Schengen (f'miljuni ta' EUR - prezzijiet tal-2004) ²	239.5	559.8
Il-pagamenti annwali totali tal-Faċilità tal-Fluss tal-Flus u ta' Schengen (f'miljuni ta' EUR - prezzijiet attwali)	257.9	602.5
50% tal-pagamenti annwali tal-Faċilità tal-Fluss tal-Flus u ta' Schengen (f'miljuni ta' EUR - prezzijiet attwali) ³	129.0	301.2
L-ammonti pprogrammati totali (f'miljuni ta' EUR - prezzijiet attwali)	161.0	404.4
In-nefqa ddikjarata u ċertifikata totali (f'miljuni ta' EUR - prezzijiet attwali)	128.2	353.6
Nefqa ineliġibbli (f'miljuni ta' EUR - prezzijiet attwali)	2.7	3.1
Kostijiet totali eliġibbli li jaqgħu taħt il-Faċilità ta' Schengen II (f'miljuni ta' EUR - prezzijiet attwali)	125.5	350.5
Ammonti rkuprati mill-Kummissjoni (f'miljuni ta' EUR - prezzijiet attwali)	3.5	0.0

Il-Kummissjoni adottat deċizzjoni dwar il-ġestjoni u l-kontroll tal-Faċilità ta' Schengen II⁴. Id-deċizzjoni stipulat li t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin kienu eliġibbli għall-appoġġ:

- Investiment fl-infrastruttura tal-qsim tal-fruntiera;
- Investimenti f'tagħmir għall-kontroll tal-fruntiera;
- Taħriġ tal-gwardji tal-fruntieri;
- Appoġġ għall-kostijiet operattivi.

Dan il-perjodu ta' eliġibbiltà beda fl-1 ta' Jannar 2007 u ntemm fil-31 ta' Diċembru 2010.

² L-Artikolu 32(2) tal-Att ta' Adeżjoni ddefinixxa l-pagamenti annwali fil-prezzijiet tal-2004.

³ Skont l-Artikolu 32(3) tal-Att ta' Adeżjoni, mill-inqas 50% tal-allokkazzjoni pprovduta mill-Faċilità tal-Fluss tal-Flus u ta' Schengen kellha tintuża għal azzjonijiet fuq il-fruntieri esterni l-ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007)1417 tal-4 ta' April 2007 dwar il-ġestjoni u l-kontroll tal-parti ta' Schengen tal-Faċilità tal-Fluss tal-Flus u ta' Schengen.

L-Istati Membri benefiċjarji kienu responsabbli għall-operazzjonijiet individwali tal-għażla u l-implimentazzjoni skont l-istrument.

L-awtoritajiet Bulgari u Rumeni fasslu programmi indikattivi pluriennali u annwali li ddeskrivew il-ħtiġijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-kontrolli fuq il-fruntieri, strateġija biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet, l-għanijiet li għandhom jinkisbu bl-appoġġ tal-Faċilità ta' Schengen II u miżuri speċifiċi biex jiġu appoġġati skont l-istrument.

Taħt il-programmi indikattivi tal-Faċilità ta' Schengen II, il-Bulgarija ddefiniet tmien għanijiet. Id-disaggregazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-Faċilità ta' Schengen II programmati għal kull għan (u n-nefqa ddikjarata reali) hija ppreżentata fit-tabella 2:

Tabella 2: L-allokazzjonijiet finanzjarji pprogrammati u n-nefqa ddikjarata għal kull għan — il-Bulgarija

	Programmati (EUR)	Nefqa ddikjarata u ċertifikata totali (EUR)
Għan 1: L-akkwist ta' tagħmir tekniku ġdid għas-sorveljanza u l-kontroll tal-fruntieri esterni	97 324 000.00	80 393 650.78
Għan 2: Tagħmir tekniku speċjali għal operazzjonijiet konġunti tal-pulizija fiż-żona tal-fruntiera	7 454 000.00	4 509 320.63
Għan 3: Modernizzazzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi ta' komunikazzjoni nazzjonali	21 279 000.00	20 688 213.42
Għan 4: Sistemi ta' informazzjoni u networks tal-kompjuter relatati mal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen	12 650 000.00	8 458 239.17
Għan 5: Rinnovazzjoni u modernizzazzjoni tal-infrastruttura fuq il-fruntiera eżistenti	4 400 000.00	4 077 125.06
Għan 6: Aktivitajiet oħra relatati direttament mal-kontroll tal-fruntieri esterni tal-UE	2 808 000.00	654 711.43
Għan 7: Żieda fil-kwalifiki tal-persunal, inkluż taħriġ fil-lingwa	1 510 000.00	521 649.45
Għan 7: L-iżvilupp tas-Sistema tal-Viża Nazzjonali u l-konnessjoni mas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viża tal-UE (VIS) u n-network ta' konsultazzjoni VISION	13 575 000.00	8 891 301.83
Totali	161 000 000.00	128 194 211.77

Aktar minn 60% tal-Faċilità ta' Schengen II għall-Bulgarija kienu pprogrammati u minfuqa fuq l-għan 1. Ħafna mir-riżorsi taħt l-għan 1 ġew ipprogrammati u minfuqa fuq ix-xiri ta' tliet elikopters, disa' bastimenti u fuq it-twaqqif ta' sistema integrata għall-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntiera tal-Baħar l-Iswed li tikkonsisti minn postijiet ta' osservazzjoni fissi u mobbli mgħammra b'radars, kameras u tagħmir tal-komunikazzjoni.

Il-programmi indikattivi tal-Faċilità ta' Schengen II għar-Rumanija ddefinixxew tliet għanijiet. Id-disaggregazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-Faċilità ta' Schengen II programmati għal kull għan (u n-nefqa ddikjarata reali) hija ppreżentata fit-tabella 3:

Tabella 3: L-allokazzjonijiet finanzjarji programmati u n-nefqa ddikjarata għal kull għan - ir-Rumanija

	Programmati (EUR)	Nefqa ddikjarata u ċertifikata totali (EUR)
Għan 1: It-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri esterni u s-sorveljanza taż-żona tal-fruntiera esterna u l-protezzjoni kontra l-kriminalità transfruntiera	199 700 000.00	174 970 037.61
Għan 2: It-tekabbir tal-abbiltà ta' kontroll billi tiżdied il-kapaċità għall-forniment tad-dejta u l-aċċess tad-dejta.	192 121 240.00	177 792 172.57
Għan 3: Appoġġ fil-kostijiet għal-loġistika u l-operazzjonijiet	14 565 504.00	478 673.92
Totali	404 383 744.00	353 593 864.85

Taħt l-għan 1, ir-Rumanija xtrat 33 bastiment, 1 278 vettura u tagħmir għas-sorveljanza tal-fruntiera u l-kontrolli fil-fruntieri. L-għan 1 kopra wkoll riabilitazzjoni ta' 31 stazzjon tal-pulizija tal-fruntiera u punti ta' qsim tal-fruntiera.

Taħt l-għan 2, ir-Rumanija appoġġat diversi sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-parti nazzjonali tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, il-parti nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u s-sistema ta' komunikazzjoni bir-radju diġitali TETRA.

Għandu jiġi nnutat li taħt il-Faċilità ta' Schengen II ir-Rumanija pprogrammat aktar mill-minimu ta' 50% tal-allokazzjoni mill-Faċilità tal-Fluss tal-Flus u ta' Schengen (EUR 301 234 674) u anke t-totali ddikjarat u n-nefqa ċertifikata (EUR 353 593 864.85) qabżu dan il-limitu.

3. EVALWAZZJONI *EX POST* TAL-FAĊILITÀ TA' SCHENGEN II

3.1. ORGANIZZAZZJONI TAL-EVALWAZZJONI U L-METODOLOĠIJA

L-evalwazzjoni *ex post* tal-Faċilità ta' Schengen II twettqet fl-2014 minn evalwatur indipendenti estern li ntalab jivvaluta r-rilevanza, l-effiċjenza, l-effikaċja, il-komplementarjetà u l-koerenza, is-sostenibbiltà u l-impatt tal-Faċilità ta' Schengen II.

Il-metodoloġija tal-evalwazzjoni kienet tikkonsisti mill-għodod għall-ġbir ta' dejta li ġejjin:

- Riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni;
- Intervisti semistrutturati;
- Osservazzjonijiet diretti matul żjarat fuq il-post;
- Stħarriġ ta' benefiċjarji.

Id-dejta miġbura permezz tal-għodod imsemmija hawn fuq ġiet analizzata permezz ta' 12-il studju tal-każ (ħamsa għall-Bulgarija u sebgħa għar-Rumanija) li koprew 79% tan-nefqa tal-Faċilità ta' Schengen II fil-Bulgarija u 76% tan-nefqa fir-Rumanija.

Ir-riżultati tal-istudji tal-każ servew bħala bażi għar-reazzjonijiet għad-disa' mistoqsijiet ta' evalwazzjoni definiti mill-Kummissjoni.

Ir-rapport tal-evalwazzjoni *ex post* tal-Faċilità ta' Schengen II ġie aċċettat mill-Kummissjoni f'Settembru 2014. Il-Kummissjoni tqis li r-riżultati u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ppreżentati hawn taħt huma kredibbli, peress li l-evalwazzjoni wriet li dawn kienu bbażati fuq evidenza derivata minn dejta affidabbli u analiżi soda.

3.2. RILEVANZA

Skont l-evalwazzjoni tal-Faċilità ta' Schengen II mal-kriterju ta' rilevanza, ġie eżaminat sa liema punt l-għanijiet tal-istrument kienu rilevanti għall-ħtiġijiet. Barra minn hekk ġiet ivvalutata r-rilevanza tal-effetti reali tal-Faċilità ta' Schengen II (l-eżiti, ir-riżultati u l-impatti) għall-ħtiġijiet (l-utilità).

L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-għanijiet u l-effetti reali tal-Faċilità ta' Schengen II kienu rilevanti għall-ħtiġijiet.

L-investimenti relatati mas-sorveljanza tal-fruntiera marittima tal-Bulgarija indirizzaw ħtiġijiet ċari, peress li l-kosta tal-Baħar l-Iswed ma kinitx koperta biżżejjed minn bastimenti tal-għassa tal-fruntiera li saru gradwalment deprezzati u skaduti sa mid-disgħinijiet u ma kellhomx il-kapaċità li jgħassu l-fruntieri tal-baħar taħt kundizzjonijiet ħżiena ħafna tat-temp.

B'mod simili, investimenti marbuta mas-sorveljanza mill-ajru indirizzaw sitwazzjoni meta l-Ministeru tal-Intern Bulgaru ma kellu l-ebda kapaċità ta' sorveljanza mill-ajru.

L-investment fil-mobilità navali u terrestri tal-Pulizija tal-Fruntiera Rumena indirizza sitwazzjoni fejn il-flotta ta' bastimenti u vetturi eżistenti ma kinitx adegwata għal skopijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri.

Il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet ta' punti ta' qsim tal-fruntiera fir-Rumanija indirizzaw ħtieġa ċara peress li l-punti ta' qsim tal-fruntiera tal-art kienu ġew traskurati u

meqjusa jew antiki wisq jew mhux adatti għall-għan biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-kodiċi tal-fruntiera ta' Schengen.

3.3. EFFETTIVITÀ

Skont l-evalwazzjoni tal-Faċilità ta' Schengen II mal-kriterju ta' effettività, ġie eżaminat sa liema punt l-għanijiet tal-istrument kienu ntlaħqu.

B'mod partikolari, ġie eżaminat sa liema punt il-Faċilità ta' Schengen II ikkontribwixxiet għat-tħejjija għas-sħubija maż-żona Schengen tal-Bulgarija u r-Rumanija billi tejbet is-sorveljanza ta' u l-kontrolli fil-fruntieri fil-fruntiera esterna futura, billi żiedet il-kapaċità għall-forniment u l-aċċess għad-dejta relatata ma' Schengen, kif ukoll billi tejbet is-sistemi ta' ġestjoni tal-viżi.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li, b'mod ġenerali, **il-Faċilità ta' Schengen II kienet effettiva fil-kisba tal-għanijiet tagħha.**

Il-livell suffiċjenti ta' tħejjija tal-Bulgarija u r-Rumanija għas-sħubija maż-żona Schengen ġie kkonfermat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2011⁵.

Il-Faċilità ta' Schengen II ikkontribwixxiet għal din it-tħejjija billi tejbet is-sorveljanza tal-fruntieri, il-kontrolli fuq il-fruntiera, is-sistemi tal-IT u l-komunikazzjoni u l-ġestjoni tal-viżi.

It-twaqqif ta' sistema integrata għall-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntiera tal-Baħar l-Iswed fil-Bulgarija kien effettiv ferm peress li biddlet il-mod li bih il-kontroll fuq il-fruntiera marittima jiġi eżerċitat u żgurat sorveljanza kontinwa tal-fruntieri marittimi. Grazzi għall-investment, is-sorveljanza fuq il-fruntiera u l-kapaċità li tiġi miġġielda l-kriminalità transfruntiera tal-pulizija żdiedu.

Ix-xiri ta' ħelikopters żied il-kapaċità ta' sorveljanza fuq il-fruntiera tal-pulizija Bulgara. L-użu ta' ħelikopters għas-sorveljanza fuq il-fruntiera huwa partikolarment effettiv f'reġjuni muntanjużi remoti, bħal dawk qrib il-fruntiera Torka fejn sezzjonijiet tal-fruntiera l-ħadra mhumie x aċċessibbli minn vetturi tal-għassa. Madankollu, kien hemm kwistjonijiet dwar l-effikaċja tat-tagħmir ta' sorveljanza tal-ajru. Il-limitazzjonijiet legali dwar it-titjiriet billejl u n-nuqqas ta' tagħmir kontra s-silġ li jagħmel possibbli titjiriet f'kull kundizzjoni tat-temp, flimkien ma' nuqqas ta' persunal matul l-ewwel sentejn wara x-xiri l-limitaw ħafna l-effettività tal-investment. L-effettività tal-investimenti fis-sorveljanza mill-ajru kienet limitata wkoll min-nuqqas ta' fjuwil u dewmien fil-konsenji ta' parts ta' bdil.

L-investment fil-mobilità navali, tax-xmajjar u terrestri tal-Pulizija tal-Fruntiera Rumena kabbar il-kapaċità tal-pulizija li twettaq attivitajiet ta' sorveljanza fuq il-fruntieri marittimi u tal-art. It-tagħmir mixtri espanda l-kapaċità ta' intervent f'reġjuni fejn qabel il-kopertura ta' sorveljanza kienet diffiċli u mhux ta' spiss imwettqa. Mill-2010, is-sorveljanza marittima ġiet estiża lil hinn mill-24 mil nawtiku ta' żona kontigwa fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Rumanija, bis-saħħa ta' iktar awtonomija operattiva ta' vapuri ġodda.

Fil-każ tar-Rumanija, il-kontrolli fuq il-fruntiera ġew imsaħħa permezz ta' investment fil-modernizzazzjoni tal-punti ta' qsim tal-fruntiera. It-tiġdid tal-infrastruttura eżistenti u l-

⁵ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tlestija tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-istat ta' tħejjija tal-Bulgarija biex timplimenta d-dispożizzjonijiet kollha tal-acquis ta' Schengen (9167/4/11); Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tlestija tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-istat ta' tħejjija tar-Rumanija biex timplimenta d-dispożizzjonijiet kollha tal-acquis ta' Schengen (9166/4/11);

kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba fil-punti ta' qsim tal-fruntiera żiedu l-għadd ta' uffiċjali li jistgħu jiġu akkomodati li jippermetti numru akbar ta' kontrolli fuq il-fruntiera matul perjodu partikolari ta' żmien.

3.4. EFFIĊJENZA

Skont l-evalwazzjoni tal-Faċilità ta' Schengen II mal-kriterju ta' effiċjenza, ġie eżaminat sa liema punt l-effetti mixtieqa tal-istrument kienu ntlaħqu b'kost raġonevoli.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li **l-effiċjenza tal-Faċilità ta' Schengen II tista' tiġi vvalutata bħala adegwata, għalkemm il-proċessi tal-akkwist ma kinux dejjem ottimali.**

L-evalwazzjoni tal-effiċjenza kienet ibbażata fuq tqabbil tal-kostijiet taħt il-Faċilità ta' Schengen II ma' kostijiet taħt strumenti komparabbli u fuq l-analiżi tal-proċeduri ta' akkwist li kienu kkunsidrati bħala indikaturi xierqa għall-effiċjenza, jekk wieħed jassumi li akkwist pubbliku kompetittiv jiżgura li l-prezzijiet tas-suq huma mħallsa mill-akkwist ta' prodotti jew servizzi.

Il-prezzijiet imħallsa għall-ħelikopters taħt l-investment tal-Faċilità ta' Schengen II fis-sorveljanza mill-ajru fil-Bulgarija kienu simili għal kull unità fil-valur għall-prezzijiet imħallsa taħt il-Faċilità ta' Schengen I⁶.

Fil-Bulgarija, il-proċess tal-akkwist għas-sorveljanza tal-fruntiera marittima kellu kompetizzjoni limitata f'termini tal-għadd ta' kumpaniji parteċipanti fl-offerta, peress li ħamsa minn sitt offerenti kienu skwalifikati għal raġunijiet tekniċi. L-offerti għal bastimenti ġew trattati b'mod simili. F'każ wieħed (200 vapur GT u 60 vapur GT), l-offerta ġiet ikkanċellata, peress li l-uniċi żewġ offerenti kienu t-tnejn skwalifikati għal raġunijiet tekniċi, u kienet użata proċedura nnegożjata ma' wieħed mill-offerenti. Fit-tieni każ (20 bastiment GT u 15-il bastiment GT), tnejn mit-tliet offerti sottomessi offerti kienu skwalifikati għal raġunijiet tekniċi.

L-istess japplika għas-sorveljanza mill-ajru fejn il-proċeduri ta' akkwist ġew ikkanċellati darbtejn qabel it-tielet waħda wasslet biex jingħata kuntratt. It-tliet offerti kollha ġew ristretti għall-offerenti tal-UE u l-offerenti kollha ħlief wieħed (l-istess għat-tliet offerti kollha) ġew miċħuda għal raġunijiet tekniċi qabel ma setgħu jagħmlu offerta finanzjarja. Bħala konklużjoni, il-proċedura ta' akkwist tidher li għandha kompetizzjoni ristretta, li tpoġġi l-effiċjenza tal-miżura f'dubju.

Fir-Rumanija wkoll kien hemm kwistjonijiet dwar l-effiċjenza tal-proċess ta' akkwist, għalkemm dawn jidhru li ġew solvuti aktar malajr peress li kkawżaw anqas dewmien milli fil-Bulgarija. Kien hemm ukoll kwistjoni dwar il-valuri indikattivi tal-kuntratti li ħafna drabi jkunu ħafna ogħla mill-offerti riċevuti.

L-akkwist relatat ma' mobilità terrestri u navali kellu żewġ komponenti li għalihom il-kompetizzjoni varjat. Għall-offerti marittimi, kien hemm inqas offerenti għal kull offerta, u ħafna minnhom ġew skwalifikati fil-fażi ta' qabel l-għażla. Għall-komponent tal-mobilità

⁶Taht il-Faċilità ta' Schengen I, l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u għat-titjib tal-kontrolli tal-fruntiera fuq il-fruntieri esterni l-ġodda tal-UE ġie pprovdut lil sebgħa mill-għaxar pajjiżi li nqas mal-UE fl-2004.

terrestri, offerent wieħed biss ġie skwalifikat (minn total ta' 15-il offerent għall-ħames kuntratti mogħtija) talli qabeż il-baġit massimu. Il-proċedura ta' offerti elettronika żiedet l-effiċjenza tal-akkwist. Il-kriterju tal-ġhażla għall-offerti kollha kien il-prezz l-aktar baxx u l-ammonti offruti mill-offerti rebbieħa kienu iżjed baxxi tal-baġit allokat b'mod sinifikanti (sa 50% għall-komponent ta' mobilità terrestri).

Taħt l-akkwist għall-modernizzazzjonijiet u l-konfigurazzjoni mill-ġdid tal-punti ta' qsim tal-fruntiera, 11 biss minn 31 proċedura ta' akkwist kienu kkunsidrati kompetittivi biżżejjed biex jiżguraw l-aħjar valur għall-flus.

3.5. KOMPLEMENTARJETÀ U KOERENZA

Skont l-evalwazzjoni tal-Faċilità ta' Schengen II kontra l-kriterji ta' komplementarjetà u koerenza, ġie eżaminat sa liema punt interventi oħra kkontribwixxew għall-ġhanijiet tal-Faċilità ta' Schengen II u sa liema punt il-Faċilità ta' Schengen II ma kkontradixxietx interventi oħrajn b'ġhanijiet simili.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li **l-Faċilità ta' Schengen II kienet koerenti ma' u komplementari għal miżuri tal-kontroll tal-fruntiera ffinanzjati minn sorsi oħra kemm fil-Bulgarija kif ukoll fir-Rumanija.**

Kemm fil-Bulgarija kif ukoll fir-Rumanija ġew allokat i rżorsi minn fondi differenti biex jinkisbu ġhanijiet simili għal daw k tal-Faċilità ta' Schengen II. Kien hemm livell tajjeb ta' komplementarjetà u sinerġiji bejn l-istrategġiji nazzjonali għall-adeżjoni maż-żona Schengen u l-Faċilità ta' Schengen II.

Fil-kuntest tas-sorveljanza tal-fruntiera marittima fil-Bulgarija, il-Faċilità ta' Schengen II kienet komplementari għal investimenti oħra fil-kapaċità ta' sorveljanza tal-fruntiera marittima. Tliet vapuri tal-ġhasa ġew restawrati u sitt vapuri ġew mixtrija bl-appoġġ tal-istrument ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni Phare.

Bl-istess mod fil-qasam tas-sorveljanza mill-ajru, Phare ffinanzja x-xiri ta' elikopter Augusta AW109E fl-2008.

3.6. SOSTENIBBILTÀ

Skont l-evalwazzjoni tal-Faċilità ta' Schengen II kontra l-kriterju ta' sostenibbiltà, ġie eżaminat sa liema punt l-effetti pożittivi tal-istrument damu wara li l-intervent kien spiċċa.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li **l-maġġoranza tal-miżuri tal-Faċilità ta' Schengen II ma kienx ikollhom impatt kontinwu wara t-terminazzjoni tagħhom kieku ma kinux appoġġati b'aktar nefqa fuq manutenzjoni u taħriġ.** Kien hemm okkażjonijiet fejn nuqqas ta' bbaġittjar adegwat irriżulta f'sitwazzjoni fejn it-tagħmir mixtri permezz tal-Faċilità ta' Schengen II ma kienx operattiv għal xi żmien minħabba kostijiet ġholja ta' manutenzjoni jew tiswija, b'mod partikulari fil-Bulgarija.

Rigward l-investiment fis-sorveljanza tal-fruntiera marittima fil-Bulgarija, l-evidenza tissuġġerixxi li s-sistema integrata għall-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntiera tal-Baħar l-Iswed għaddiet minn problema ta' manutenzjoni minkejja li hija tassew sostenibbli b'mod

ġenerali. Mit-tnedija tas-sistema, sar evidenti li diġà kien hemm diffikultajiet rigward spejjeż meqjusa konsumabbli u mhux dejjem koperti mill-garanzija. Il-problema li ssemmiet l-iktar ta' spiss minn daww li wiegħbu hija t-tkagħbir bl-użu tal-magnetrons tar-radar fi 12-il post ta' sorveljanza stazzjonarju.

Sa fejn hija kkonċernata s-sorveljanza mill-ajru, il-kostijiet tal-manutenzjoni u l-operat annwali inkludew l-assigurazzjoni, il-kera tal-ħangar u fjuwil. Id-dejta dwar it-titjiriet turi li l-użu ta' klassijiet differenti ta' ħelikopters kien limitat wara s-sena 2010. B'mod ġenerali wieħed biss mill-ħelikopters light-class (l-A109-SN11790) kien użat b'mod attiv, filwaqt li oħrajn kellhom użu limitat, jew ftit li xejn użu matul diversi snin. L-użu ta' ħelikopters light-class ġeneralment huwa mogħti prijorità peress li huma aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, filwaqt li għandhom kapaċitajiet ta' sorveljanza ugħali bħall-ħelikopter AW139 li huwa itqal. Id-differenza fl-għadd ta' titjiriet hija spjegata wkoll bil-ħin tan-nuqqas ta' ħidma minħabba aċċident sinifikanti li bħala riżultat tiegħu wieħed mill-ħelikopters A109 ma kienx qed jopera mill-2012. L-użu miżjud tal-ħelikopter iktar tqil AW139 wara Lulju 2012 minflok il-klassi A109 iżgħar (taħt riparazzjoni) żied il-kostijiet tal-fjuwil għal kull siegħa ta' titjir, u fl-2013, minkejja l-għadd aktar baxx b'mod sinifikanti tas-siegħat ta' titjir, il-prezz totali tal-fjuwil żdied.

Problemi inizjali oħra kienu relatati man-nuqqas ta' faċilitajiet ta' ħżin adegwati għall-ħelikopters. Il-bażi tal-ajru għall-ħelikopters Bezmer ma pprovdietx l-aħjar kundizzjonijiet, peress li l-faċilitajiet ta' hangars u ta' ħżin ma kellhomx l-ambjent ikkontrollat rakkomandat tat-temperatura u l-umdità. Il-ħelikopter se jiċċaqtaq għal bażi tal-ajru ġdida f'Sofija, iffinanzjat mill-Fond għall-Fruntieri Esterni (FFE). Madankollu, fit-terminu twil, id-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' hangar u operazzjonali xierqa qrib il-fruntiera tal-Baħar l-Iswed u tax-Xlokk tibqa' kwistjoni li trid tiġi indirizzata.

Il-programmi tal-FFE mmiraw ukoll taħriġ bażiku tal-piloti u inġiniera tat-titjira. Id-diffikultajiet tal-persunal eżistenti kienu minħabba nuqqas ta' xi persunal li jgħaddu mill-eżamijiet matul it-taħriġ preċedenti pprovdut mill-manifattur, u minħabba n-nuqqas ta' piloti disponibbli fi ħdan is-sistema tal-Ministeru tal-Intern.

Is-sostenibbiltà tat-tagħmir mixtri taħt il-Faċilità ta' Schengen II kienet aktar qawwija fir-Rumanija fejn fondi nazzjonali ġew użati biex iħallsu għall-manutenzjoni ta' vetturi u bastimenti.

3.7. IMPATT

Taħt l-evalwazzjoni tal-impatt ġew ivvalutati effetti intenzjonati u mhux intenzjonati fit-tul prodotti direttament jew indirettament mill-Faċilità ta' Schengen II.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li, b'mod ġenerali, **il-Faċilità ta' Schengen II kellha l-impatti mixtieqa, speċjalment fir-rigward tal-istat ta' thejġija tal-Bulgarija u r-Rumanija għas-sħubija maż-żona Schengen.** Madankollu, **għalkemm l-investimenti tal-Faċilità ta' Schengen II kellhom impatt pożittiv fuq il-migrazzjoni irregolari tul il-fruntieri esterni tal-futur tal-Bulgarija u r-Rumanija u fuq is-sigurtà f'dawn iż-żewġ pajjiżi, l-impatt sħiħ tal-investimenti fuq il-fruntieri esterni tal-futur għas-sigurtà taċ-ċittadini fi ħdan iż-żona Schengen se jimmaterializza biss meta l-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu fiż-żona Schengen.** L-evalwazzjoni ma identifikatx xi impatti negattivi, għalkemm kien hemm għadd

ta' impatti pożittivi mhux intenzjonati marbuta maż-żieda fil-kapaċità appoġġata taħt il-Faċilità ta' Schengen II.

Il-Faċilità ta' Schengen II kellha impatt pożittiv fuq l-istat ta' thejjiġja tal-Bulgarija u r-Rumanija għas-sħubija maż-żona Schengen, kif evidenzjat permezz tas-sorveljanza mtejbja tal-fruntieri esterni futuri, il-kontrolli fil-fruntieri, is-sistemi tal-IT u tal-komunikazzjoni u l-ġestjoni tal-viżi u l-konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti ta' Ġunju 2011.

F'dak li jirrigwarda impatti aktar wisgħin tal-Faċilità ta' Schengen II, il-miżuri ffinanzjati taħt l-istrument kellhom effetti pożittivi fuq il-migrazzjoni irregolari tul il-fruntieri esterni futuri tal-Bulgarija u r-Rumanija u fuq is-sigurtà f'dawn iż-żewġ pajjiżi, kif muri minn żieda ta' qsim tal-fruntieri irregolari u reati transfruntieri li ġew skoperti, għalkemm iż-żieda tal-qsim transfruntieri irregolari li ġie skopert tista' wkoll tiġi attribwita għal fatturi esterni (iż-żieda fil-pressjoni migratorja). L-investment tal-Faċilità ta' Schengen II (b'mod partikolari l-investimenti fis-sistema ta' sorveljanza tal-fruntieri) kellu effett ta' deterrenza, kemm fuq il-migrazzjoni irregolari kif ukoll fuq il-kriminalità transfruntiera. Madankollu, l-impatt tal-investimenti tal-Faċilità ta' Schengen II fuq is-sigurtà fiż-żona Schengen huwa limitat sakemm il-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu magħha, peress li l-kontrolli fuq il-fruntiera għadhom qed isiru fil-fruntieri bejn il-Bulgarija u r-Rumanija fuq naħa waħda u ż-żona ta' Schengen fuq in-naħa l-oħra. B'konsegwenza ta' dan, kwalunkwe varjazzjoni fil-kwalità tal-kontrolli fuq il-fruntiera fil-fruntieri bejn il-Bulgarija u r-Rumanija minn naħa, u pajjiżi mhux membri tal-UE min-naħa l-oħra jista' jkollha biss impatt marġinali fuq is-sigurtà fi ħdan iż-żona Schengen.

Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-impatti pożittivi mhux intenzjonati, l-evalwazzjoni sabet li l-investimenti fis-sorveljanza tal-fruntiera marittima kkontribwixxew ukoll lejn l-iskoperta ta' kriminalità ta' kuntrabandu jew ambjentali (ir-rimi tal-iskart fil-baħar).

4. KONKLUŻJONIJIET

Il-Faċilità ta' Schengen II, strument li l-għanijiet tiegħu kienu *"biex jiffinanzja azzjonijiet finanzjarji fil-fruntieri esterni l-ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni"*, kien implimentat b'suċċess. Il-Faċilità ta' Schengen II ipprovdiet total ta' EUR 476 miljun lill-Bulgarija u r-Rumanija.

B'mod ġenerali, l-istrument kellu rwol kruċjali biex jiġi żgurat li kemm ir-Rumanija kif ukoll il-Bulgarija setgħu jiġu kkunsidrati bħala teknikament lesti biex jingħaqdu maż-żona Schengen fl-2011. L-investment iffinanzjat mill-Faċilità ta' Schengen II tejjeb is-sorveljanza tal-fruntieri esterni futuri, il-kontrolli fuq il-fruntiera, is-sistemi tal-IT u tal-komunikazzjoni u l-ġestjoni tal-viżi. L-intervent kien rilevanti għall-ħtiġijiet identifikati, koerenti ma' sorsi oħra ta' finanzjament u effettiv fil-kisba tal-għanijiet tiegħu. L-effiċjenza li biha dawn inkisbu setgħet ittejjeb, kif ukoll is-sostenibbiltà ta' ċerti investimenti li kienu jeħtieġu finanzjament futur biex ikomplu jkollhom impatt.

Filwaqt li l-investment fil-Faċilità ta' Schengen II ikkontribwixxa għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari tul il-fruntieri esterni futuri tal-Bulgarija u r-Rumanija u għas-sigurtà f'dawn iż-żewġ pajjiżi, l-impatt tal-investimenti tal-Faċilità ta' Schengen II fuq is-sigurtà fiż-żona Schengen jibqa' limitat sakemm il-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu fiha.

Għalkemm in-nuqqas ta' adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-żona Schengen s'issa kellu impatt limitat fuq l-effettività tal-investimenti tal-Faċilità ta' Schengen II, il-posponiment kontinwu ta' adeżjoni ta' dawn il-pajjiżi fiż-żona Schengen x'aktarx se jwassal għal sitwazzjoni fejn partijiet tal-investiment se jeħtieġu titjib sinifikanti.